# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 24**

**5.00p.m. 02 t'Ottubru 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Sur Josef Azzopardi Viċi Sindku

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' filgħaxija (17:00pm).**

**24.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, Sur Josef Azzopardi.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat il-minuti tas-seduta numru 23 għal-għaxar' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**24.2.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mill-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal- Kunsill approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.**

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**24.3.1** Sindku Luke Farruġia għamel referenza li residenti qed jisuġġerixxu li issir zebra crossing minħabba li fi Triq Żerafa hemm biss zebra corssing waħda u li issir iktar infurzar fuq il-boroż ta; l-iskart u bulky refuse li jinġarġu fuq il-bankina bir- riżultat li jkollok tinżel timxi f'nofs ta' Triq bir-riskju li tintlaqat minn xi karozza.

**Għaldaqstant il-kunsill talab sabiex issir komunikat mar- resident jipproponi fejn qed jissuġerixxi fejn l-aħjar li issir iż-żebra crossing.**

**24.3.2** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kien irċieva komunikat mill- perit tal-kunsill fejn ikkonferma li mar fuq is-sit ta' Triq San Piju ta' Pietralċina biex jagħmel survey ta' parkeġġ bejn it-triq u il-bankina. Il-Perit indika li fl-opinjoni tiegħu Transport Malta ma tapprovax parking quddiem il-garaxxijiet, u li skond il-perit ma jafx li din kienet saret postijiet oħra. Għaldaqsant il-Perit issuġerixxa li sabiex il-Kunsill jevita li jidħol fi spiza ta' Survey għandu jagħmel laqgħa ma' Transport Malta.

**Għaldaqstant il-kunsill talab sabiex issir laqgħa ma' Transport Malta biex tinstab soluzzjoni fuq din il-problema ta' parkeġġ fi Triq San Piju ta' Pietralċina.**

**24.3.3** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva ittra mingħand is-Socjeta Trinita Qaddisa rigward it-talba li kienu għamlu ta' Sponsorship ta' €500 għall- Kunċert li qed jippreparaw għalih u liema talba ġiet imtellgħa fil-laqgħa preċedenti tal-kunsill u li kien ittieħed vot u talba ma ġietx approvata, għax l-ammont ta' €500 jinagħata biss meta ikun hemm Anniversarju skond id-deċiżjini li il-kunsill kien approva f'laqgħat preċedenti.

**Għaldaqstant is-Soċjeta Trinita Qaddisa bagħtet ittra sabiex tinforma lil membri tal-kunsill bi diżapunt tagħhom fuq id-deċiżjoni li ittieħdet mill-membri tal-kunsill filwaqt li irringrazzjat lil dawk il-membri tal- kunsill li pruvat tgħin sabiex tiġi appoġjata it-talba.**

**24.3.4** Is-Sindku Luke Farruġia spjega f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi kien qajjem mistoqsijiet u b'hekk is-sindku wieġeb għal mistoqsijiet imqajjma fejn spjega li il-kuntrattur ta' soft areas u ġonna pubbliċi ġie infurmat mill-uffiċju amministrattiv sabiex jibda iħeji rendikont ta' xogħol li ikun qed jagħmel fil-lokal.

**24.3.5** Is-sindku spjega li Segretraju Eżekkuttiv iċċekja mad-dipartiment jekk hemm xi limitu ta spiża abinata man-nefqa sabiex tiġi organiżżata Team Building bejn il-ħaddiema tal-kunsill u il-kunsilliera, fejn l-informazzjoni li irċieva is-Segretarju mid-dipartiment kienet li dan jitqies bħala training.

Għaldaqstant is-Sindku Luke Farruġia propona li id-data ta Team Building għanda tkun fl- 14 ta' Novembru 2025. **Għaldaqstant b'mod unanimu il-Kunsill qabel unanimament mad-data proposta.**

**24.3.6** Is-Sindku Luke Farruġia spjega fuq l-attivita tal-Millied fejn spjega li bħal ma kien sar fil-passat qed jipproponi sabiex jinġabru l-istimi sabiex titela ikla ghar-risednti tal-Marsa għall-żmien il-Millied fejn informa lil-Kunsill li ser ikunu qedin jiġu ikomunikati lilhom permezz ta' email għall approvazzjoni.

**24.3.7** Is-Sindku Luke Farruġia fakkar lil membri tal-kunsill rigward il-Clean Up Day li qed tiġi organizzata mill-kunsill nhar is-sibt 4 t'Ottubru, fejn l-Għaqdiet li ikkonfermaw li ser ikunu preżenti huma Pageant Group Marsa, Scouts Group Marsa, Għaqda Storika u Kulturali Marsa, Għaqda festi Esterni, u l-Ghaqda Marija Reġina, sindku spjega li il-postijiet li ser ikunu qed jiġu imnaddfa huma Triq Ċentru Ewkaristiku, Triq San Bernard, Sqaq Sannat, u Sit storiku li jinsab taħt ġnien Spencer. Sindku spjega li hemm sitt bins li irridu jitwehlu u għalhekk qed jiproponi li jitwehlu tnejn fi Triq Tiġrija u fi Triq Isourad u li jifdal tliet bins oħra u tagħlab il-Kunsill sabiex jiproponu huma fej jistaw jitwaħlu il-bins l-oħra.

**24.3.8** Is-sindku informa li meta f'laqgħat preċedenti kien spjega il-bżonn li jinxtara laptop ġdid għall-użu tal-kunsill, fejn il-kunsill kien propona sabiex jiġu iccekjajti il-laptops li hemm storjati humiex kompatibli skond il-kriterji meħtieġa sabiex jaqdu id-dmirijiet ta' xogħol amministarttiv tal-kunsill ma technician ta' laptops, informa li sindku li dawk it-tip ta' laptops li hemm mhumiex skond il-kriterji mitluba iżda huma sabiex jaqdu bżonn bażiku biss. Għalhekk is-sindku qed jitlob approvazzjoni tal-kunsill sabiex jinxtara il-laptop skond l-istimi miġbura. **Wara li is-sindku ippropona sabiex jinxtara laptop ġdid skond il-kriterji mitluba u li l-irhas stima tirbaħ ix-xiri tal-laptop, kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Cachia, il-kunsill qabel unanimament**.

**24.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

**24.4.1** Il-Kunsillier Joseph Cachia saqsa lis-sindku li reġa wasal iż-żmien sabiex tiġi organiżżata l-Attivita ta' Tournament ta' Darts bħal kull sena.

**Wara proponiment Tal-Kunsillier Joseph Cachia u sekondat il-Kunsillier Gloria Aquilina, il-Kunsill qabel unanimament li terġa titella l-attivita ta' darts.**

**24.4.2** Il- Kunsillier Gloria Aquilina staqsiet jekk jistawx jibdew issiru il-preparamenti għal – Jum il-Marsa sabiex ma jiġrix bħas-snin preċedenti li it-thejijiet ikunu tard.

**Għaldaqstant is-sindku informa lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex jibdew il-preparamenti għal Jum il-Marsa.**

**24.4.3** Il-Kunsillier Joseph Scerri saqsa rigward il-Billboard jekk kienx hemm qbil bejn il-kunsill u il-Pageant Group u jekk il-kuntratt kienx iffirmat bejn iż-żewġ partijiet. Il-Kunsillier Dominic Spencer żied ukoll li f'laqgħat preċedenti tal-kunsill kien tagħalab sabiex tiġi emendata il By-Law tar-riklamar sabiex jiżdied il-Billboard ukoll u tagħalab li irrid jiġi infurmat l-avukat tal-kunsill sabiex jiranġa il-By Law tar-reklamar tal-Kunsill u tiġi approvata mill-Ministru u li sa ma issir il-proċess jista jinħoloq riklamar mal-kumpaniji sabiex jida jinkera il-Billboard.

**24.4.4 Għaldaqstant is-sindku Luke Farruġia tagħalab is-Segretarju Eżekkuttiv sabiex jinħoloq riklam għall – kirja tal-Billboard u jintbgħat lil kumpaniji.**

**24.4.5** Il-Kunsillier Dominic Spencer issuġerixxa li tiġi installata Kamera ta' sigurta ġewwa il-kċina tas-sala tal-parti t'isfel ġewwa il-binja tal-kunsill, minħabba li kienu wasli xi ilmenti li il-post mhux jinżamm nadif.

**Wara li il-Kunsillier Dominic Spencer propona li tiġi installata kamera fil-kċina tas-sala ta' isfel tal-kunsill u ssekondat il-Kunsillier Gloria Aquilina, il – Kunsill qabel unanimament.**

**24.4.6** Il-Kunsillier Dominic Spencer issuġerixxa li jinxtara u jiġi installat punch reader sabiex il-ħaddiema kollha tal-kunsill inkluż il-ħaddiema ta' l-amministrazzjoni u community work jibdew jipanċjaw id-dħul u il-ħruġ tal-ġurnata tax-xogħol tagħom.

**Wara li il-Kunsillier Dominic Spencer propona li tiġi mixtrija u installata punch reader, b'mod unanimu il-Kunsill ma qabilx mal-proponiment tal-kunsillier Dominic Spencer.**

**24.5 Rapporti**

Ma kienx hemm

**24.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**24.6.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondaw il-Kunsillier Anthony Meilaq u Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**24.7 Item: Funtana Triq Isouard kantuniera ma' Triq Qormi**

Is-Sindku Luke Farrugia spjega li meta kien sar ix-xogħol fil-funtana li tinstab ġewwa Triq Isouard kanutuniera ma' Triq Qormi, ma kienx sar xogħol kif kien mixtieq b'rizultat li qed ikun hemm kull darba qtuħ ta' dawl u li il-pompa tal-funtana tinstad ta spiss u tieqaf tifunzjona, għalhekk hemm bżonn li is-sistema issirila manutenzjoni urġenti, għax qed jintefqu flus sabiex din terġa tintela mill-bowser biex tkompli tifunzjona Għaldaqstant is-sindku qed jipproponi sabiex jitqabbad il-kuntarttur tas-servizzi tad-dawl li għandu il-kunsill sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa u jarha x'hemm bżonn issir biex tissolva il-problema.

**24.7.1 Wara li is-sindku Luke Farrugia resaq il-proponiment ta' manutenzzjoni tal-funtana li tinstab ġewwa Triq Isouard kantuniera ma' Triq Qormi, il-Kunsill qabel unanimament.**

**24.8 Item: Irrigation Ġnien Belvedere**

Is-Sindku spjega li kien ġewwa Ġnien Belvedere hemm problema bl-irrigation system u għalhekk qed jipproponi sabiex jinġabru l-istimi sabiex tissewwa il-problema tal - irrigation system fil-ġnien imsemmi, spjega li dan kien hemm mumenti li ikun hemm servizz ta' bowser sabiex issir it-tisqija tal-ġnien biex ikunu protteti is-siġar u arbuxxeli tal-ġnien mill-kuntrattur tas-soft areas.

**24.8.1 Għaldaqstant il-Kunsill unanimament tagħalab li-sindku sabiex jagħmel kuntatt ma' Ambjent Malta u jinfurmaħ bil-problema u sabiex jieħdu ħsieb jiranġaw il-problema dan għaliex l-istess entita' kienet hadet ħsieb ir-riġenerazzjoni ta' l-istess ġnien ftit qabel din il-leġiżlattura.**

**24.9 Item: Tender Architect**

Is-sindku spjega li ġie ipreparat it-Tender tal-Perit (Architect) u qed jiġi ippreżentat il-membri tal-Kunsill qabel il-proċċes ta' ivettjar mid-dipartiment tal-Gvern lokali u finalment jiġi ippublikat.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**24.9.1 Il-Kunsill approva unanimamentit-Tender tal-Perit (Architect) sabiex jagħddi għall - ivettjar mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u finalment ippublikat.**

**24.10 Item: Tender Contracts Manager**

Is-sindku spjega li ġie ipreparat it-Tender tal-Contracts Manager u qed jiġi ippreżentat il-membri tal-Kunsill qabel il-proċċes ta' ivettjar mid-dipartiment tal-Gvern lokali u finalment jiġi ippublikat.

**24.10.1 Il-Kunsill tagħalab sabiex jittieħed parir mid-dipartiment tal-Gvern Lokali jekk jistax jinbiddel l-isem minn Contrcats Manager għall – Locality Supervisor, liema rekwiżiti jibqaw l-istess bħal dawk ta' Contracts Manager.**

**24.11 Item: Public Conveniences**

Is-sindku spjega li ġie preparat it-Tender tal-Public Conveniences u qed jiġi ippreżentat il-membri tal-Kunsill qabel il-proċċes ta' ivettjar mid-dipartiment tal-Gvern lokali u finalment jiġi ippublikat.

**24.11.1 Il-Kunsill tagħalab sabiex titranġa il-klawsola 4.2.3 numru 9 kif ukoll sezzjoni 3 artiklu 10 il-kelma public library tiġi emendata għall public convenience u once a week sabiex titneħħa u tiġi emendata li il-ħasil għandu issir kuljum.**

**24.11.2 Jiġi emendat il-klawsola ta' l-extra service sabiex titniżżel li hemm ħames okkażjonijiet speċifi li il-public convenience ikun meħtieġ li tibqa miftuħa bil-ħin estiż għall-dawn l-okkażjonijiet speċifiċi.**

**24.12 Item: Għeluq temporanju ta' Bandli ġewwa Juan Mamo u Ġnien sitta' ta' Awwissu**

Is-sindku spjega li fil-bandli qed jiġi irrapurtat abbużż u li jista ikun hemm xi aċċidenti peress li hemm bżonn issir xogħol ta' manutenzzjoni, għalhekk is-sindku qed jipproponi li il-bandli jingħalqu temporonjament sakemm issir ix-xogħol ta' manutenzzjoni meħtieġa biex jiġu evitati aċċidenti u abbużż, u is-sindku qed jipproponi ukoll li meta ix-xogħol ta' manutenzzjoni jitlestta jiġu installati kameras ta' sigurta sabiex jitnaqqas u jiġi evitat kull abbużż. Fejn spjega li fi Ġnien Juan Mamo ser issir xogħol ta' pedestrian bridge u li fadallu xhur sabiex jibda kif ukoll Ġnien sitta' ta' Awwissu u hemm il-fondi sabiex jiżdiedu il-bandli u issir xogħol ta' manutenzzjoni.

**24.12.1 Wara li is-sindku Luke Farrugia propona li jingħalqu il-bandli ta' Juan Mamo kif ukoll il-bandli tal-Ġnien sitta ta' Awwissu sakemm issir xogħol ta' manutenzzjoni biex jiġi evittat inċidenti, il-kunsillier Joseph Cachia issekonda u il-kunsill qabel unanimament mal-proposta filwaqt li il-kunsillier Dominic Spencer astjena.**

**24.13 Item: Bdil ta' Kuntrattur tal-bulky Refuse**

Is-sindku Luke Farrugia spjega li is-servizz li qed jingħata tal-bulky refuse mill-kuntrattur Simply Clean mhux qed ikun kif mixtieq u kif kien maqbul fl-iffirmar tal-kuntratt, fejn hafna drabi il-kunsill qed ikollu jerġa jagħmel apuntamenti għall dati oħra ta' ġbir ta' skart goff mir-residenzi. Għalhekk is-sindku tagħalab il-amministarzzjoni sabiex jinharġu default notices. Għaldaqstant is-sindku qed jitlob l-approvazzjoni tal- membri tal-Kunsill li jekk meta tinħareġ default notice u il-kuntrattur preżenti fl-eventwalita li il-kuntarttur jieqaf mil-lum għall għada, is-Segretarju ikollu approvazzjoni tal-membri tal-kunsill sabiex iqabbad il-kuntrattur li jmis lu hu is-Sur Christopher Bezzina, wara dan il-kuntrattur preżenti skond kif ġew skedati mill-evalwazzjoni ta'tender u li tinzamm il-Bank Gurantee tal-kuntrattur preżenti.

**24.13.1 Wara li is-sindku Luke Farrugia propona li fl-eventwalita li tinħareġ default notice lil kuntrattur preżenti Simply Clean tal-bulky refuse wara li tinħariġlu l-ewwel default notice jieqaf jopera mil-lum għall-għada u tinzamm il-Bank Gurantee ,is-Segretarju Eżekkuttiv ikollu l-approvazzjoni tal-membri tal-kunsill sabiex iqabbad il-kuntrattur li klassifika wara il-kuntrattur prezenti. Issekonda il-kunsiller Joseph Cachia u mod unanimu il-kunsill qabel u ikonferma l-approvazzjoni tiegħu lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex jinforma lill-kuntrattur li jmiss skond il-lista ta' l-evalwaturi li hu is-Sur Christopher Bezzina.**

**24.14 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**24.15 Tmien tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat - Tnejn 10 ta' Novembru 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |